MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2008

Numru. 572/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Rita Cassar**

Illum 29 ta' Gunju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Rita Cassar ta' 53 sena, bint Paul u Carmela nee' Sultana, imwielda il-Pieta` fid-19 ta' Jannar, 1954, u residenti 55, Triq il-Princep Albert, Marsa u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 156254M.

Akkuzata talli b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksur l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda,

Talli nhar it-28 ta’ Gunju, 2008, f’ xi hin bejn il-1:00hrs u 17:30hrs, minn gewwa l-lukanda 115, The Strand, li tinsab fi Triq ix-Xatt, Gzira, ikkommettiet serq ta’ flus aggravat bil-persuna, liema ammont ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta’ Gorelova Nadezda ta’ Nazzjonalita` Russa;

U aktar talli fl-istess, data hin lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ flus aggravat bil-persuna liema ammont ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta’ Gulyanitskaya Lada ta’ Nazzjonalita` Russa;

U aktar talli fl-istess, data hin lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ flus aggravat bil-persuna liema ammont ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta’ Koloniytseva Olga ta’ Nazzjonalita` Russa;

U aktar talli fl-istess, data hin lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ flus aggravat bil-persuna liema ammont ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta’ Sennikov Oleg ta’ Nazzjonalita` Russa;

U aktar talli fl-istess, data hin lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ flus aggravat bil-persuna liema ammont ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta’ Nekkay Alexandra ta’ Nazzjonalita` Russa;

U aktar talli fl-istess, data hin lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ flus aggravat bil-persuna liema ammont ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta’ Karina Trofimova ta’ Nazzjonalita` Russa;

U aktar talli bejn ix-xhur ta’ Frar, 2008 u Mejju, 2008, minn gewwa l-Lukanda Topaz, Bugibba, ikkommettew serq ta’ flus aggaravat bil-persuna, liema ammont ma jaqbizx il-

mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detrimient ta' persuna jew persuni mhux maghrufa.

Rat l-artikoli 18, 261(d) u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja nhar id-29 ta' Gunju 2008 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u ikkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti proceswali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija, l-ammissjoni taghha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-oggetti misruqa gia gew konsenjati lill-pulizija u ritornati lid-derubati.

Il-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi familjari ta'l-imputata li wassluha biex tikkommetti r-reati odjerni.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 18, 261(d) u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjon ta'l-artikolu 7 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk hija tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------